**Festa San Gorg, Kanada**

**Huwa bi pjaċir immens li nindirizza l-kommunità Maltija ta' Kanada, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Gorg.**

**Nixtieq nifirħilkom għal impenn li tagħmlu, biex tippromowvu l-parteċipazzjoni attiva, fil-kommunità tagħkom, madwar dan il-festa daqsekk importanti ghalina l-Maltin u Ghawdxin.**

**L-Għaqda Festa San Gorg ta' Toronto qatt ma waqfet tissaħħaħ u tiġi żviluppata, grazzi għall impenn li lkoll li inthom tħossu lejn il-patrimonju u l-kultura' tagħna. Meta intom tiċċelebraw il-festa ta' San Gorg, qedin issahu l-ghaqda ta' bejn in-nies tad-diaspora Maltija, u qedin turu li l-festi jistgħu igibu n-nies flimkien.**

**Għalhekk, ippermettuli nghid xi ħaga dwar il-festi u kif jigu ccelebrati fil-gzejjer taghna.**

**Fil-essenza tagħhom, iċ-celebrazzjonijiet tal-festi jipprovdu opportunitàjiet biex in-nies jingħaqdu bħal familja waħda. Huma espressjoni qawwija tal-patrimonju ħaj u dinamiku tal-gżejjer Maltin.**

**Kemm hu sabiħ li naraw individwi u gruppi iġeddu tradizzjonijiet li, f'ċerti każi, ilhom magħna għal sekli sħaħ. Tradizzjonijiet li baqgħu ħajjin, grazzi għad-dedikazzjoni ta' nies bħalkom, u li għandom l-għeruq tagħhom fil-karattru li jiddistingwina bħala nazzjon; karattru ta' kreattività, ta' solidarjeta lejn il-proxmu, u ta' devozzjoni spiritwali.**

**Jeħtieġ li l-ġenerazzjonijiet li telgħin ikomplu iħossu li l-festa hi opportunita' biex il-membri tal-kommunità jingħaqdu madwar it-talenti u l-aspirazzjonijiet tagħhom.**

**Flimkien, nistgħu nesprimu l-ferh kbira tagħna, kif intom qed tagħmlu illum. Hija x-xewqa tiegħi li, permezz tat-tradizzjonijiet sbieħ tagħna u il-valuri u t-twemmin marbuta ma' dan il-festa ta' San Gorgo, ukoll niċċelebraw l-identità tagħna.**

**B'ruh wahda u b'qalb wahda, rridu nkomplu fix-xogħol tagħna, sabiex nkattru l-paci u l-gid.**

**Ta' ferħ għalija li nara għaqdiet bħal tagħkom li jservu ta' ispirazzjoni u tama. Intom xhieda tat-tajjeb li jista' joħrog meta ikun hemm għaqda, u rieda tajba. Għalhekk, f'dinja li qiegħda dejjem tiċkien, l-importanza tal-identità tagħna tidher ċara daqs il-kristall.**

**Nawguralkom u nifirhilkom.**

**Viva Malta w Viva San Gorg!**